**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR 15/IX/2025**

**It-Tlieta, 30 ta' Settembru, 2025 fid-09:00**

**Fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali**

**Preżenti:**
Is-Sur Brian Azzopardi – Sindku
Is-Sur George Cassar – Viċi Sindku
Is-Sinjura Mariella Abela – Kunsillier
Is-Sur Josef Schembri – Kunsillier
Is-Sur Joseph Debrincat – Kunsillier
Is-Sur Michel Buttigieg – Kunsillier
Is-Sur Marcell Tabone – Kunsillier

**Uffiċjal Preżenti:**
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Brian Azzopardi ppresjeda l-laqgħa.

**15.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fid-09:00. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**15.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

15.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**15.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

15.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 14 ġew iċċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

15.3.2 Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

15.3.3 Il-membru Buttigieg ġibed l-attenzjoni fuq minuta numru 14.3.4 minn KLR 14/IX/2025. Qal li kieku s-Sindku kellu bwonsens sena ilu meta l-membri tal-Kunsill kienu Nichelino fuq żjara relatata mal-ġemellaġġ ta' dan il-post, kieku din il-kwistjoni kollha ma kinitx teskala. Kieku fuq il-kwistjoni li bdiet mill-Viċi Sindku, kieku s-Sindku kellu l-bwonsens, ma kienx ikun hemm sena b'dawn il-battibekki.

15.3.4 Is-Sindku irrisponda u qallu li messu jistħi jitkellem hekk. Żied li Buttigieg seta' qatt ma ndaħal fil-kwistjoni u minn naħa tas-Sindku seta' qagħad idaħħaq lil kulħadd b'dak li għamel Buttigieg. Is-Sindku tenna li Buttigieg qed iwaħħal fih u wkoll daħħal affarijiet oħra li m'huma relatati xejn ma' din il-kwistjoni.

15.3.5 Hawnhekk daħal il-membru Debrincat għall-laqgħa.

15.3.6 Buttigieg staqsa fuq li ġie rrapportat mill-Kunsill lill-Bord tal-Governanza. Staqsa fuq x'hiex ġie rrapportat.

15.3.7 Is-Sindku qal li tressqet proposta fil-Kunsill biex isir dan ir-rapport u l-membri qablu.

15.3.8 Buttigieg reġa' akkuża lis-Sindku li dan kollu tort tiegħu, fejn sena ilu seta' m'għamilx dak li għamel u ddettawlu x'għandu jagħmel.

15.3.9 Is-Sindku qal li hu mexa b'ħafna bwonsens anke' fil-konfront ta' Buttigieg. Tenna li seta' faċilment jidher sabiħ. Kull ma kellu jagħmel hu li jsostni l-verita', pero' dan kien ifisser li jitfa' l-baħar Kunsilliera sħabu, xi ħaġa li ma kienx lest li jagħmel. Jekk għamel xi affarijiet ħżiena bħala Sindku, Buttiġieg għandu jsemmihom. Żied li kien Buttigieg li akkuża lil sħabu ħallelin. Is-Sindku ikkonkluda u qal li jiddispjaċih li l-kwistjoni kellha tasal s'hawn.

15.3.10 Buttigieg talab lis-Segretarju Eżekuttiv taqra l-apoloġija li ntbagħtet mill-avukat tiegħu biex tinqara f'din il-laqgħa. Il-membri qablu u s-Segretarju Eżekuttiv qratha. L-apoloġija tgħid hekk:-

"Jiena, Michael Buttigieg kunsillier elett fil-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria nitlob apoloġija pubblika lill-kunsillier Joseph Debrincat għall-kliem malafamanti li għaddejt fil-konfront tiegħu waqt il-laqgħa tal-Kunsill tà nhar it-Tlieta, 3 tà Ġunju 2025, li huwa "faċċol, ġakbin, u lagħqi u li jerdgħa minn fuq il-Kunsill", b'liema kliem baxxejt il-fama u r-reputazzjoni tajba tiegħu.
Niddikjara pubblikament li naf lill-kunsillier Joseph Debrincat bħala persuna serja, integra, u tal-affari tagħha, u li qatt m'abbużat jew approfittat ruħha mill-fondi tal-Kunsill jew mill-poċizzjoni taggħa fil-Kunsill, u naf li dejjem qedà dmiru bħala kunsillier b'abbiltà, b'mod rett u b'kuxjenza.
Niddikjara wkoll li kuntrarjament għal dak li ddikjarajt fil-konfront tiegħu, huwa ma qal kontra ebda sindku la dak preċenti u lanqas passati u/jew kontra membri oħra tal-Kunsill.
Tà dan kollu nitolbu skua, u nwiegħedu li ma nerġax noffendih la bil-mod kif offendejtu u bl-ebda mod ieħor.
Nobbliga ruħi li nippubblika din id-dikjarazzjoni fuq il-paġna tal-facebook tiegħi u li nagħmel din id-dikjarazzjoni wkoll fl-atti tal-kawża: Il-Pulizija vs Michael Buttigieg, li ġiet istitwita fil-konfront tiegħi fuq rapport tal-istess Joseph Debrincat."

15.3.11 Il-membru Buttigieg ħareġ mill-kamra.

15.3.12 Il-Viċi Sindku daħal għall-laqgħa u skuża ruħu talli daħal ftit tard.

15.3.13 Il-membru Debrincat għarraf lill-membri li l-avukat ta' Butigieg kien bagħat apoloġija differenti minn din li nqrat illum. Debrincat ma kienx aċċettaha peress li ma kinitx tinkludi dak li Debrincat ried li jinqara. Filfatt ġiet aċċettata dik li nqrat f'din il-laqgħa. Debrincat qal ukoll li fetaħ kawża kontra Buttigieg fejn il-membri attwali u s-Segretarju Eżekuttiv u l-eks Sindki għandhom jitressqu bħala xhieda. Tenna li għandu jara mal-avukat tiegħu kif l-aħjar li jimxi wara li nqrat l-apoloġija ta' illum.

15.3.14 Is-Sindku qal li jixtieq iżid li ġie akkużat li l-kwistjonijiet li nqalgħu kollha tort tiegħu, fejn il-kwistjoni oriġinali la bdieha hu u wisq anqas ta' n-nar fuqha. Anzi hu kien dak li bil-bwonsens prova jirrimedja s-sitwazzjoni għal kulħadd. Anke' meta seta jieħu l-membru Buttigieg il-qorti bil-kliem li qal u kiteb fuq *Facebook.* Għadu ma jistax jifhem kif Buttigieg ma jirrealizzax li min qala dan kollu żgur li mhux is-Sindku.

15.3.15 Il-minuti ġew approvati.

### 15.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.4.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li minn naħa tal-Victoria 2031 Foundation, ġie sottomess l-ewwel parti (*pre-selection*) tal-*bid book* relatat mal-applikazzjoni għall-Belt Kulturali Ewropeja 2031. Jekk jiġi aċċettat mbagħad jgħaddi għat-tieni fażi. Qal li rigward dan il-bid book kellu diversi battibekki peress li oriġinarjament kienu ser jiddaħħlu diversi inizjattivi li ma kinux fir-Rabat, pero' wasal li l-attivitajiet maġġuri huma fir-Rabat. Tenna li l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qed jappoġġja dan il-*bid book.* Il-Victoria 2031 Foundation għandha limitazzjoni ta' fondi u qed tuża l-ħaddiema tar-Reġjun Għawdex. Hu sab koperazzjoni sħiħa mingħand il-President tar-Reġjun, Dr. Samuel Azzopardi u rringrazzjah anke' minħabba li l-fatt li dejjem ġab l-interessi tar-Rabat fuq quddiem.

### 15.5 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

Tressqet korrispondenza mingħand:-

15.5.1 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward:-

i. SPI/SCI/04/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-applikazzjoni hi eliġibbli għall-fondi;

ii. Procurement check li ser issir rigward pagamenti tax-xogħol li jagħmel Savio Buġeja. Din ser isir l-Erbgħa, 15 t'Ottubru, 2025. Il-Kunsill jiġi mgħarraf bl-eżitu;

15.5.2 L-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali rigward Cir AKL 2025/050 – Programm Ġdid fuq PBS dwar il-Kunsilli Lokali;

15.5.3 il-Kumitat għal Ismijiet tat-Toroq, Għawdex. Fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Settembru, 2025 deher l-avviż tat-tismija ta' Triq Suor Marcellina Tabone, Missjunarja fil-Pakistan, 1947-1997. Ġew ordnati l-ismijiet tat-triq taċ-ċeramika;

15.5.4 Wasteserv rigward il-*European Week of Waste Reduction* li ser issir bejn it-22 u t-30 ta' Novembru, 2025;

15.5.5 Maltapost fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li l-letterbox li kellha titneħħa minn Triq Ġużè Ellul Mercer kantuniera ma' Triq it-Tabib Anton Tabone ser titpoġġa biswit il-piċċ tal-Boċċi;

15.5.6 Reġjun Għawdex rigward:-

i. eżebizzjoni li ser tittella f'Diċembru 2025, f'egħluq is-Sena Kulturali tar-Reġjun;

ii. il-fondi approvati li kienu allokati għall-attivita' ta' Jum il-Belt Victoria;

iii. Measure 1: '*Keeping the Culture and Traditions of Gozo Alive'*. Din tnehdiet mill-*Gozo Action Group Foundation*;

15.5.7 l-Awtorita' tal-Ippjanar rigward:-

i. il-fondi li l-Kunsill baqalu jieħu li jkopru l-proġett – LCF16/20 – *New Energy Efficient Lighting System for St. George's Square and the Old Streets witihin the City Centre, Rabat, Gozo*. Il-Kunsill bagħat id-dokumenti kollha mitluba mill-Awtorita';

ii. *acknowledgement* fuq talba tal-Kunsill biex ikun th*ird party representative* fuq PA/05225/25. Is-Sindku spjega li din kellha tidħol permezz tal-Perit tal-Kunsill peress li avviċinawh residenti minn Triq il-Mitħna jilmentaw għal din l-applikazzjoni. Qal li talabhom id-dettalji bil-miktub, pero' il-Kunsill ma rċieva xejn. Għalhekk il-membri qablu li l-Kunsill ma jindaħalx fiha minħabba l-fatt li l-applikazzjoni tirrigwarda xogħol fil-privat;

15.5.8 il-kuntrattur li jieħu ħsieb it-tisqija u l-manteniment tal-qsari fit-toroq tar-Rabat. Reġa' lmenta għat-tielet darba li wara l-attivitajiet li saru fi Pjazza Santu Wistin, reġa' ntefa ż-żejt tal-ikel f'qasrija ta' siġra taż-żebbuġ bil-konsegwenza li din is-siġra qed tmut. Is-Sindku għarraf lil-membri li dritt tkellem mal-organizzaturi ta' din l-attivita';

15.5.9 l-Active Ageing Unit rigward l-azzjonijiet għall-Premju Anzjanita 2025;

15.5.10 ir-Rettur tal-Knisja ta' Pompei fejn ilmenta rigward il-globi tad-dawl mitfija mal-faċċata tal-knisja u l-*floodlights* li jdawwlu l-kopla ukoll huma mitfija. Talab ukoll li tinżebaħ il-*pedestrian crossing* ta' biswit il-knisja. Il-membri ġew infurmati li l-Kunsill ilu li rrapporta d-dawl lill-Enemalta u jirriżulta li hemm xi problemi. Il-membri qablu li l-Kunsill jirranġa d-dawl tal-globi tal-faċċata u jerġa jirrapporta l-*floodlights* lill-Enemalta. Għandu jsir rapport lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex tinżebaħ l-*pedestrian crossing* peress li tinsab fi triq arterja;

15.5.11 Gumpro Gymnastics fejn intweriet ix-xewqa li dan il-grupp jipparteċipa f'attivitajiet organizzati mill-Kunsill. Il-membri qablu li jistgħu jipparteċipaw fl-attivita' li jmiss ta' 'Kids in the City';

15.5.12

**15.6 Immaniġjar tat-Traffiku**

15.6.1 Transport Malta (TM) approvat dawn il-parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilita:-

i. 124, Triq Repubblika;

ii 'Cor Jesu; Triq il-Belliegħa;

iii. 100, Triq Sant' Ursola;

iv. 'Ave Maria' Triq il-Kapuċċini;

v. 'Kestrel', Triq Sir Paul Boffa.

15.6.2 TM m'approvatx talba għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem, "2, Tal-Ingliża, Triq l-Ewropa peress li l-applikant ma kwalifikax għal dan is-servizz.

15.6.3 TM talbet it-tneħħija ta' parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem, Blokk KA, Flat 2 taċ-Ċawla H.E. peress li min kien jużah m'għadux magħna.

15.6.4 TM ma sabitx oġġezzjoni sabiex parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' wara Blokk D , taċ-Ċawla H.E. jitħarrek minn postu peress li dawk li qed jużawh qed isibu diffikulta biex jaraw in-naħa ta' wara għax hemm ħajt qed jostakola l-vista.

TM approvat:-

15.6.5 *one metre double yellow lines* fiż-żewġ naħat ta' 'Inuendo Garage' fi Triq Patri Anton Debono;

15.6.6 *one metre double yellow lines* fiż-żewġ naħat tal-garaxx Block A, City Heights, Triq Ġużeppi Spiteri;

15.6.7 *keep clear* temporanju mal-bieb tal-ġenb tal-knisja ta' Savina, sakemm isir ir-restawr tal-faċċata;

15.6.8 sinjali sofor mad-dar 'Merħba Bik', mal-kantuniera ta' Triq Sir Paul Boffa ma' Triq it-Tabib Anton Tabone.

Il-membri qablu li jintalab lill-TM:-

15.6.9 *double yellow line* quddiem 28, Triq l-Arċisqof Pietru Pace. Ma hemmx bankina quddiem il-bieb;

15.6.10 *double yellow line* quddiem 22, Triq l-Arċisqof Pietru Pace u *one metre yellow line* mal-garaxx. It-triq f'din il-parti hi dejqa u mingħajr bankina.

15.6.11 *garage access* jew *keep clear* fi Triq Salvatore Psaila quddiem il-garaxxijiet li għandhom fuq wara d-djar 17 u 19 ta' Pjazza San Franġisk.

15.6.12 Minn naħa tal-Pulizija, il-Kunsill ġie mgħarraf li nġabret vettura li kienet mitluqa fi Triq Ġużeppi Spiteri.

15.6.13 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand resident li jgħix fi Triq Sir Arturo Mercieca. Hu spjega d-diffikultajiet li qed isibu r-residenti ta' din it-triq ikkawżat mit-traffiku enormi li jgħaddi. Saret diskussjoni rigward is-suġġett u l-membri qablu li l-Kunsill għandu jitlob lill-TM sabiex meta x-xogħol tat-tarmak ta' Triq Sir Arturo Mercieca jitlesta, Triq Enriko Mizzi tibqa' miftuħa *two way* għat-traffiku u vetturi tqal jgħaddu wkoll minn Triq Vajrinġa. B'hekk ikun hemm żewġ alternattivi minn fejn jgħaddu vetturi tqal bil-konsegwenza li Triq Sir Arturo Mercieca ma tibqax tilqa' t-traffiku kollu speċjalment vetturi tqal.

15.6.14 Il-membri qablu li jerġa' jintalab lill-TM sabiex timmarka l-parkeġġi fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace.

15.6.15 Tqajmet diskussjoni rigward iż-żieda ta' *pedestrian crossing* quddiem "*The Duke Shopping Mall*" fi Triq Repubblika. Fil-passat dan is-suġġeriment kien tressaq quddiem TM pero' ma kienx inħareġ permess peress li hemm żewġ *pedestrian crossings* oħra fil-qrib kemm il-fuq u kemm l-isfel.

15.6.16 Il-membri qablu li l-Kunsill jerġa jilmenta ma' TM rigward il-*cats eyes* li hemm fi Pjazza San Franġisk u li huma perikolużi għall-pedonali peress li qed jiġi rrapportat ta' spiss persuni li jaqgħu fihom.

### 15.7 Attivitajiet

15.7.1 Is-Sindku qal li l-aħħar attivita' li saret, 'Kids in the City' reġgħet kienet suċċess u kkonkorrew ħafna familji l-ġurnata kollha. Din is-sena saret ġimgħa wara peress li l-festa ta' l-Indipendenza kienet il-Ħadd. Mal-attivita' ta' din is-sena kien hemm żewġ attivitajiet oħra fl-irħula, pero' għall-attivita' ta' Pjazza Indipendenza kien hemm in-nies il-ħin kollu. Irringrazzja l-ħaddiema tal-Kunsill li ħadu ħsieb u anke' l-membru Schembri li għen fil-wirja tal-vetturi militari antiki.

15.7.2 Il-Ġimgħa, 10 t'Ottubru, 2025 ser issir ħarġa għall-*Birgu by Candlelight*.

15.7.3 Il-Ħadd filgħodu, 12 t'Ottubru, 2025 ser issir wirja ta' vetturi antiki fi Pjazza President J F Kennedy.

15.7.4 Il-membri qablu li f'Novembru tiġi organizzata attivita' għall-anzjani.

15.7.5 Qablu wkoll li l-*weekend break* għar-residenti ta' qabel il-Milied isir bejn il- 5 u s-7 ta' Diċembru, 2025.

15.7.6 Fis-26 ta' Diċembru, 2025 jiġi organizzat il-kunċert '*Strings for Christmas'* fil-Knisja ta' San Franġisk, bl-għajnuna ta' Jean Noel Attard. Il-Kunsill issottometta applikazzjoni għal-għajnuna finanzjarja mill-Culture Fund fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

### 15.8 Ġemellaġġ – Jerez de la Frontera

15.8.1 Is-Sindku qal li kif maqbul f'laqgħat preċedenti, il-Kunsill bir-rappreżentanti tiegħu ser jieħu grupp ta' 25 persuna li huma kollha nvoluti direttament f'għaqdiet volontarji Rabtin, iżuru Jerez de la Frontera fi Spanja bejn l-4 u s-7 t'Ottubru, 2025. L-Assoċjazzjoni Kulturali Ateneo de Jerez b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex, irnexxielhom jiksbu l-fondi Ewropej għall-*Town Twinning Project* bl-isem ta' *'CulturePIE - Promoting Inclusion & Equality through Culture'*, taħt is-*Citizens, Equality, Rights and Values Programme* tal-Unjoni Ewropeja, sabiex isir dan il-ġemellaġġ bejn il-Kunsill ta' Jerez de la Frontera u l-Kunsill tar-Rabat Citta Victoria. Issa permezz ta' dan il-proġett se jibdew l-iskambji bejn iż-żewġt ibliet, biex jiġi mplimentat il-proġett. L-ewwel attività f'dan il-Proġett hija konferenza bl-isem "*Inclusion Seminar*" li se jiffoka primarjament fuq it-tema komuni tal-inklużjoni. L-ewwel grupp li ser jieħu l-Kunsill ser jattendi għal din il-konferenza f'Jerez de la Frontera f'Ottubru fid-dati msemmija.

15.8.2 F'Novembru bejn it-13 u s-16, ser ikun hawn grupp ta' 60 persuna minn Jerez de la Frontera, fejn ser jiġi ffirmat uffiċjalment il-ġemellaġġ. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb l-attivitajiet ta' dawn it-tlett ijiem. L-akkomodazzjoni u t-titjiriet huma mħallsa mill-fondi tal-proġett Culture Pie tal-Unjoni Ewropeja u minn naħa tagħna ser tiġi sottomessa applikazzjoni mill-fond kulturali sabiex tkopri kemm jista' jkun mill-ispejjeż.

15.8.3 Is-Sindku żied li fi Frar 2026 imbagħad irid jiġi ffirmat il-ġemellaġġ fi Spanja, fejn il-Kunsill jista' jieħu residenti. Fi Frar il-membri tal-Kunsill ukoll jistgħu ikunu kollha preżenti.

15.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li d-Diviżjoni għal Gvern Lokali avżaha li għandhom jibgħatu l-approvazzjoni għal dan il-ġemellaġġ mal-bidu ta' Novembru li ġej.

15.8.5 Is-Sindku qal li Spanja hemm sebgħa applikanti. Jekk Jerez de la Frontera ma tiġix magħżula, il-Kunsill jibqa' bil-kuntatt ma' din il-Belt u jista' wkoll jesplora li jsir ġemellaġġ mal-Belt Spanjola li tkun intagħżlet fosthom anke' Granada fejn anke' irċieva korrispondenza mingħand il-kordinatur tal-kultura ta' din il-Belt fejn wera x-xewqa li jsiru skambji bejn iż-żewġ bliet. Il-membri qablu.

15.8.6 Sadanittant is-Sindku għarraf lill-membri li rċieva telefonata mingħand l-Ambaxxatur Malti għal Spanja, Dr. Emmanuel Mallia li infurmah li Vitoria-Gasteiz, il-Belt Kapitali tar-Reġjun Bask fi Spanja wriet ix-xewqa li jsiru skambji u anke' ħsieb ta' ġemellaġġ bejn iż-żewġ bliet. Il-konnessjoni tibda fejn Malta kienet tħallas fewdu lil din il-Belt.

**15.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

15.19.1 Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar t'Ottubru 2025, skont dokument A anness.

**15.10 Xogħolijiet oħra**

15.10.1 Il-membri ġew mgħarrfa li l-kuntrattur li ħa l-offerta tat-tindif tat-toroq ġab id-dokumenti rikjesti. Għad irid jiġi bil-garanzija bankarja qabel jiġi iffirmat il-kuntratt.

Il-membri qablu li:-

15.10.2 tiġi organizzata serata fil-Katidral bl-għajnuna tal-JPX Foundation fl-okkażjoni tal-35 sena mill-ewwel żjara ta' Papa Ġwanni Pawlu II. M'għandhiex tinqabeż is-somma ta' €300 fi spejjeż ta' loġistika;

15.10.3 il-Kunsill jorganizza l-Aurora International Folk Festival bejn is-17 u d-19 t'Ottubru, 2025 u ma tinqabiżx is-somma ta' €1,500 fi spejjeż ta' għeluq ta' toroq u loġistika oħra;

15.10.4 il-Kunsill jgħin fl-organiżżazzjoni tal-musical li ser jsir fuq il-palk tal-Oratorju Don Bosco bejn is-7 u s-16 ta' Novembru, 2025 u ma tinqabiżx is-somma ta' €750 f'loġistika.

**15.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet f'nofsinhar u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa li jmiss tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru, 2025.

| | |
|---|---|
| Brian Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |